Nru. 17,903
Prezz 16ċ
Price 16c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 3 ta' April, 2006
Monday, 3rd April, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Anno Domini 2006 Nru. II

Anno Domini 2006 No. II

Proklama

MILL-PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) Edward Fenech Adami
President

BILLI bis-saħħa ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Erarju (Kapitolu 62), huwa provdut li kull meta jingħata avviż minn Ministru lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati ta' Abbozz ta' Liġi dwar l-impożizzjoni ta' dazju ġdid jew dwar żieda ta' dazju li ġa' hemm, dan id-dazju ġdid jew din iż-żieda ta' dazju għandhom jittieħdu u jinġabru mill-Awtorità li tiġi stabbilita fl-Abbozz minn dak in-nhar li tiġi maħruġa Proklama biex tgħarraf li ħareġ avviż kif jingħad hawn fuq;

JIENA, GĦALHEKK, qiegħed b'dan nipproklama illi avviż ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa u li għandu bħala skop l-impożizzjoni ta' Dazji tas-Sisa ġodda u ż-żieda ta' Dazji tas-Sisa, ġie mogħti mill-Ministru tal-Finanzi lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati u li kopja ta' dak l-Abbozz ġiet ippreżentata għand l-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati.

Iżda mingħajr preġudizzju għad-dħul fis-seħħ minnufih ta' din il-Proklama għar-rigward ta' kull ħaġa li hemm ipprovdut li dwarha data aktar tard hi provduta fl-Abbozz għall-bidu fis-seħħ, din il-Proklama għandha tibda fis-seħħ fir-rigward ta' dik il-ħaġa fid-data kif provdut fl-Abbozz.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 1 ta' April, 2006.

B'Awtorità,

(Iff.) Lawrence Gonzi
Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi

Proclamation

BY THE PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) Edward Fenech Adami
President

WHEREAS by virtue of article 2 of the Revenue (Safeguard) Act (Chapter 62), it is provided that whenever notice is given by a Minister to the Clerk of the House of Representatives of a Bill having for its object the imposition of a new duty or the increase of an existing duty, such new duty or increase of duty shall be levied and collected by the Authority designated in the Bill as from the day on which a Proclamation is issued to the effect that the said notice has been given;

NOW, THEREFORE, I do hereby proclaim that notice of a Bill to amend the Excise Duty Act and having as its object the imposition of new Excise Duties and the increase of existing Excise Duties, has been given by the Minister of Finance to the Clerk of the House of Representatives and that a copy of such Bill has been filed with the Clerk of the House of Representatives.

Provided that without prejudice to the immediate coming into force of this Proclamation with respect to any matter in respect of which a later date is provided in the Bill for its coming into force the present Proclamation shall come into force with respect to such matter as from the date provided in the Bill.

Made at the Palace, Valletta, this 1st day of April, 2006.

By Authority,

(Sd.) Lawrence Gonzi
Prime Minister and Minister of Finance

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 22

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar l-Erbgħa, it-3 ta' Mejju 2006, mill-4.45 p.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Wied, il-Kbira, Pjazza Sant' Elena, Brared, John Borg, l-Isqof Labini u Sqaq Rigu.

Il-vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq huwa projbit u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

It-3 ta' April, 2006

POLICE NOTICE

No. 22

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Birkirkara

On Wednesday, 3rd May 2006, from 4.45 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: il-Wied, il-Kbira, Pjazza Sant' Elena, Brared, John Borg, l-Isqof Labini and Sqaq Rigu.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there, will be towed away.

3rd April, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 23

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Furjana

Nhar il-Erbgħa, it-12 ta' April 2006 mit-8.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza ta' quddiem il-Kunvent tal-Kapuċċini, quddiem iċ-Ċentru tas-Saħħa, Pjazza Robert Samut, San Franġisk (il-parti ta' fuq), il-Miratur, Pjazza Sir L. Preziosi, Floriani, il-Kapuċċini (in-naħa ta' isfel), il-Kurċifiss, Harper Lane u l-Isptar Boffa.

Dan l-Avviż tal-Pulizija jħassar dak bin-Numru. 18 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Marzu, 2006.

It-3 ta' April, 2006

POLICE NOTICE

No. 23

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as No Parking and Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Floriana

On Wednesday, 12th April 2006 from 8.00 p.m. onwards through the following streets: Square infront of Kapuċċini Convent, infront of Health Centre, Robert Samut Square, San Franġisk (upper area), il-Miratur, Pjazza Sir L. Preziosi, Floriani, il-Kapuċċini (lower area), il-Kurċifiss, Harper Lane and Boffa Hospital.

This Police Notice repeals Notice No. 18 published in the Government Gazette dated 28th March, 2006.

3rd April, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

532

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet moghti fil-21 ta' Ġunju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2768/05 fl-ismijiet United Acceptances Finance Ltd vs Daniela Debattista et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' AJ Rentals Ltd, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' April 2005

Lil Debattista Daniela (277069M),
AJ Rentals Ltd (C 28579) u
Debattista Glenn (565359M) bħala garanti solidali

Permezz tal-preżenti s-soċjetà United Acceptances Finance Ltd (C 360) ta' Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda, tirreferi għal tlieta u għoxrin (23) kambjala, minnkom debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma thallsux kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati Dokumenti 1 sa 23.

Il-mittenti qed jinterpellakom sabiex fi żmien jumejn thallsu s-somma ta' elfejn tmien mija ħamsa u sebgħin liri Maltin (Lm2,875) import tal-kambjali fuq imsemmija, oltre l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv, liema imgħaxijiet sal-lum jammontaw għal tliet mija u tmienja u tmenin liri Maltin tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm388.22).

Fin-nuqqas ta' pagament il-mittenti qed jinfurmakom illi ser tipproċedi ulterjorment kontra tagħkom skond il-liġi mingħajr pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż ulterjuri.

Intom avżati li għandkom għoxrin jum minn notifika lilkom ta' dan l-att ġudizzjarju sabiex topponu permezz ta' rikors għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali u dan ai termini ta' l-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibbli ai termini ta' l-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Intimati.....Omissis.....

AJ Rentals Ltd, 'Madonna ta' Lourdes', Triq Stiefnu Zerafa, Ħal Għargħur.

.....Omissis.....

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati llum 29 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 21st June 2005, in the records of the judicial letter number 2768/05 in the names United Acceptances Finance Ltd vs Daniela Debattista et ordered the following publication for the purpose of service of AJ Rentals Ltd, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta), today 11th April 2005

To Debattista Daniela (277069M),
AJ Rentals Ltd (C 28579) and
Debattista Glenn (565359M) as surety in solidum.

By the present the company United Acceptances Finance Ltd (C 360) of Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda, refers to twenty three (23) bills of exchange, duly signed by you and accepted, which bills of exchange lapsed but were not paid, copies of which bills of exchange are hereby attached and marked Documents 1 to 23.

The interpellants are calling you so that within two days you pay the sum of two thousand eight hundred and seventy five Maltese liri (Lm2,875) value of bills of exchange above mentioned, besides legal interest from the date of each due till the effective payment, which interests till this day amount to three hundred and eighty eight liri and twenty two cents (Lm388.22).

Failing payment the interpellant is informing you that he shall proceed further against you according to law without another prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves and avoid further expenses.

You are warned that you have twenty days from the service of this judicial act to oppose by means of an application to the execution of these bills of exchange and this in terms of article 253 of Chapter 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render the said bills of exchange executable in terms of article 256(2) of 12 of the Laws of Malta.

Respondent.....Omissis.....

AJ Rentals Ltd, 'Madonna ta' Lourdes', Stiefnu Zerafa Street, Għargħur.

.....Omissis.....

Registry of the Court of Magistrates today 29th March 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

533

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Ġunju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2319/05 fl-ismijiet United Acceptances Finance Ltd vs Daniela Debattista et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' AJ Rentals Ltd, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Marzu 2005

Lil Debattista Daniela (277069M),
AJ Rentals Ltd (C 28579) u
Debattista Glenn (565359M) bħala garanti solidum

Permezz tal-preżenti s-soċjetà United Acceptances Finance Ltd (C 360) ta' Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda, tirreferi għal tlieta u għoxrin (23) kambjala, minnkom debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma ħallsux kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati Dokumenti 1 sa 23.

Il-mittenti qed jinterpellakom sabiex fi żmien jumejn ħallsu s-somma ta' elfejn tmien mija ħamsa u sebgħin liri Maltin (Lm2,875) import tal-kambjali fuq imsemmija, oltre l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv, liema mgħaxijiet sal-lum jammontaw għal tliet mija tmienja u tmenin liri Maltin tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm388.22).

Fin-nuqqas ta' pagament il-mittenti qed jinfurmakom illi se tipproċedi ulterjorment kontra tagħkom skond il-liġi mingħajr pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż ulterjuri.

Intom avżati li għandkom għoxrin jum minn notifika lilkom ta' dan l-att ġudizzjarju sabiex topponu permezz ta' rikors għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali u dan ai termini ta' l-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibbli ai termini ta' l-artikolu 256(2)tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Intimati.....Omissis.....

AJ Rentals Ltd, 'Madonna ta' Lourdes', Triq Stiefnu Zerafa, Għargħur.

.....Omissis.....

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati illum 29 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 21st June 2005, in the records of the judicial letter number 2319/05 in the names United Acceptances Finance Ltd vs Daniela Debattista et ordered the following publication for the purpose of service of AJ Rentals Ltd, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta), today 18th March 2005

To Debattista Daniela (277069M),
AJ Rentals Ltd (C 28579) and
Debattista Glenn (565359M) as surety in solidum.

By the present the company United Acceptances Finance Ltd (C 360) of Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda, refers to twenty three (23) bills of exchange, duly signed by you and accepted, which bills of exchange lapsed but were not paid, copies of which bills of exchange are hereby attached and marked Documents 1 to 23.

The interpellants are calling you so that within two days you pay the sum of two thousand eight hundred and seventy five Maltese liri (Lm2,875) value of bills of exchange above mentioned, besides legal interest from the date of each due till the effective payment, which interests till this day amount to three hundred and eighty eight liri and twenty two cents (Lm388.22).

Failing payment the interpellant is informing you that he shall proceed further against you according to law without another prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves and avoid further expenses.

You are warned that you have twenty days from the service of this judicial act to oppose by means of an application to the execution of these bills of exchange and this in terms of article 253 of Chapter 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render the said bills of exchange executable in terms of article 256(2) of 12 of the Laws of Malta.

Respondent.....Omissis.....

AJ Rentals Ltd, 'Madonna ta' Lourdes', Stiefnu Zerafa Street, Għargħur.

.....Omissis.....

Registry of the Court of Magistrates today 29th March 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

534

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Frar 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 109/2005 NC, fl-ismijiet Camilleri Mary Grace vs El Saher Maged Fawzy Mohamed Hussein, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Mary Grace Camilleri (ID Numru 44369M) ippreżentat Ċitazzjoni fit-18 ta' April 2005, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kontra Maged Fawzy Mohamed Hussein El Saher, fejn talbet il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

1) Tiddikjara ż-żwieġ kontratt bejn il-kontendenti fit-tlieta (3) ta' Ġunju 1997 bħala null u bla effett għal kull fini u effett tal-liġi u tagħti kull provvediment opportun sabiex id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jannota tali nullità ta' l-Att taż-Żwieġ numru 946 tas-sena 1997.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Konvenut: 14, Luqa Briffa Street, Żejtun.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 109/2005 NC fl-ismijiet Camilleri Mary Grace vs El Saher Maged Fawzy Mohamed Hussein tinsab differita għan-notifika tal-konvenut għas-26 ta' April 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 30 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 21st February 2006, in the records of the Writ of Summons Number 109/2005NC, in the names Camilleri Mary Grace vs El Saher Maged Fawzy Mohamed Hussein ordered the following publication for the purpose of the defendant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Mary Grace Camilleri (ID Number 44369M) filed a Writ of Summons on the 18th April 2005, in the Civil Court (Family Section) against Maged Fawzy Mohamed Hussein El Saher, whereby she asked the defendant why this Honourable Court should not;

1) Declare the marriage contracted between the parties on the third (3) of June 1997 as null and without effect for all intents and purposes of law and make the opportune provision so that the Director of Public Registry annotates the said nullity in the Marriage Act number 946 of the year 1997.

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Defendant: 14, Luqa Briffa Street, Żejtun.

The cause Writ of Summons Number 109/2005 NC in the names Camilleri Mary Grace vs El Saher Maged Fawzy Mohamed Hussein has been put off for the service of the defendant to the 26th April 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 30th March 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

535

Ikun jaf kulħadd li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fit-3 ta' Marzu 2006, tat sentenza fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca u Spettur Alex Grech) vs:

Lynn Marie Mc Cormick, ta' tnejn u għoxrin (22) sena, bint Hilary Mc Cormick u Maria Rosaria née Debattista, imwielda Pietà fis-27 ta' Lulju 1982 u toqgħod Karif, Flat 9, Triq Ġużeppi Despott, il-Qawra, detentriċi tal-karta ta' l-identità bin-numru 418482(M).

Fejn ikkundannat lill-imputata Lynn Marie Mc Cormick u peress li hi Uffiċjal Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 29 ta' Marzu, 2006.

PAUL MIRUZZI
Reġistratur

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature, has on the 3 March, 2006 delivered a judgment in the case The Police (Inspector Joseph Mercieca and Inspector Alex Grech) vs:

Lynn Marie Mc Cormick, 22 years old, daughter of Hilary McCormick and Maria Rosaria née Debattista, born at Pietà on the 27 July 1982 and residing Karif, Flat 9, Giuseppe Despott Street, Qawra, holder of Identity Card number 418482(M).

Whereby Lynn Marie Mc Cormick was found guilty and being Public Officer, in terms of Article 10 of Chapter 9 of the Laws of Malta, was condemned to a perpetual general interdiction.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), today the 29 March, 2006.

PAUL MIRUZZI
Registrar

536

Ikun jaf kulħadd li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-28 ta' Marzu 2006 tat sentenza fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Cilia) vs:

Nathalie Micallef, 26 sena, bint Peter Paul u Pauline née Gauci, imwielda Pietà fit-30 ta' Diċembru 1978 u residenti Blokk F1, Flat 7, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Ta' Xbiex, detentriċi tal-karta ta' l-Identità bin-numru 24979(M).

Fejn ikkundannat lill-imputata Nathalie Micallef bħala Uffiċjal Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 29 ta' Marzu, 2006.

PAUL MIRUZZI
Reġistratur

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature has on the 28 March, 2006 delivered a judgment in the case The Police (Inspector Jeffrey Cilia) vs:

Nathalie Micallef, 26 years, daughter of Peter Paul and Pauline née Gauci, born at Pietà on the 30 December 1978 and residing Block F1, Flat 7, Government Housing Estate, Ta' Xbiex, holder of ID card number 24979(M).

Whereby Nathalie Micallef was found guilty and being Public Officer, in terms of Article 10 of Cap. 9 of the Laws of Malta, was condemned to a perpetual general interdiction.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), today the 29 March, 2006.

PAUL MIRUZZI
Registrar

537

Ikun jaf kulħadd illi l-Bord li Jirregola l-Kera permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Marzu 2006, fl-atti tar-Rikors Nru 75/2005 JC, fl-ismijiet Amato Gauci Philip vs Micallef Anthony sive Toni, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ipprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fid-29 ta' Settembru 2005, fl-ismijiet Philip Amato Gauci (ID 677539(M) vs Anthony sive Toni Micallef, ir-rikorrenti Philip Amato Gauci, espona bir-rispett:

Illi l-intimat jikri mingħand l-esponenti l-ħanut numru sebgħa u erbgħin (47) Triq l-Ifran, Valletta, bil-bieb sekondarju tiegħu numru disgħa u ħamsin (59) Triq Santa Luċija, Valletta magħruf bħala 'Tal-Kaptan Kafe' u dana bil-kera ta' sebgħin Lira Maltija (Lm70) kull sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem bl-aħħar skadenza li għalqet (u ġiet rifjutata) fl-1 ta' April 2005;

Illi l-ħanut in kwistjoni kien mikri armat u liċenzjat ad użu ta' ħanut tal-kafe u hekk ġie dejjem użat b'manjiera regolari sa mill-bidu tal-kirja tiegħu;

Illi l-istess ħanut mhuwiex qiegħed jintuża aktar u ilu magħluq għal żmien twil b'manjera permanenti u dana kif jidher mill-annessi ritratti mmarkati dokumenti A u B.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dana l-Onorabbli Bord jogħġbu jordna l-iżgumbrament ta' l-intimat

It is hereby notified that the Rent Regulation Board by means of a decree given on the 22nd March 2006, in the records of the Application No. 75/2005 JC, in the names Amato Gauci Philip vs Micallef Anthony sive Toni, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the Rent Regulation Board on the 29th September 2005, in the names Philip Amato Gauci (ID 677539M) vs Anthony sive Toni Micallef, the applicant Philip Amato Gauci pleaded with respect:

That the respondent has by title of lease from the applicant the shop number forty seven (47) Old Bakery Street, Valletta with its secondary door number fifty nine (59) Santa Lucia Street, Valletta, known as 'Tal-Kaptan Kafe' and this towards the rent of seventy Maltese liri (Lm70) every year payable every six months in advance the last instalment lapsed (and was refused) on the 1st April 2005;

That the shop in question was leased furnished and licensed for use of a coffee shop and was always so used regularly and since the beginning of the lease;

That the same shop is not being used anymore and has been closed for a long period of time in a permanent manner and this as appears from the attached photos marked documents A and B.

Thus the applicants pleads with respect that this Honourable Board orders the eviction of the respondent from

mill-ħanut numru sebgħa u erbgħin (47) Triq l-Ifran, Valletta u disgħa u ħamsin (59) Triq Santa Luċija, Valletta u dana fi żmien qasir u perentorju li jogħġbu jistabbilixxi dan il-Bord.

Bl-ispejjeż.

Intimat: 52, St. Patrick's Street, Valletta.

B'Avviż għas-Smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ħamis 29 ta' Settembru 2005, ir-Rikors Nru 75/2005 JC, fl-ismijiet Amato Gauci Philip vs Micallef Anthony sive Toni ġiet appuntata għas-smigħ għall-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2005, fid-9.00 a.m.

B'ordni ta' l-istess Qorti, ir-rikors ġie differit għad-9 ta' Marzu 2006 u sussegwentement differit għall-25 ta' Mejju 2006, fid-9.00 a.m., għan-notifika ta' l-intimat.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Bord li Jirregola l-Kera) illum 30 ta' Marzu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the shop number forty seven (47) Old Bakery Street, Valletta, and fifty nine (59) Santa Lucia Street, Valletta, and this within a short and peremptory period that this Board shall fix.

With costs.

Respondent: 52, St. Patrick's Street, Valletta.

By a Notice of hearing of a cause issued by the Registrar of the Superior Courts on Thursday 29th September 2005, the Application number 75/2005 JC, in the names Amato Gauci Philip vs Micallef Anthony sive Toni was appointed for hearing on Wednesday 7th December 2005, at 9.00 a.m.

By order of the same Court, the application was put off to the 9th March 2006, and subsequently put off to the 25th May 2006, at 9.00 a.m., in order that the respondent be notified.

Registry of the Superior Courts, (Rent Regulation Board) today 30th March 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar. Civil Courts and Tribunals

538

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Jannar 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 508/2005 GCD, fl-ismijiet Mark Caruana versus Mohamed El Hanghari, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Mark Caruana ID No. 0022678M 15/2, Triq id-Daqqaqa Birżebbuġa, ippreżenta Ċitazzjoni, fis-26 ta' Mejju 2005, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra Mohamed El-Hanghari, Flat 4, Qasam Ħal Tmien, Blokk 1, Żejtun, fejn talab il-konvenut jgħid għaliex għar-raġunijiet premessi;

1. m'għandux jiġi ddikjart unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni li seħħ fit-30 ta' Ġunju 2003, fil-limiti tal-Gudja u li fih sofra danni l-attur Mark Caruana.

2. m'għandhomx jiġu likwidati d-danni li sofra Mark Caruana bħala konsegwenza ta' l-imsemmi inċident, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi, konsistenti dawn id-danni kemm f'damnum emergens kif ukoll f'lucrum cessans, u

3. m'għandux il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-imgħaxijiet mid-data tan-notifika ta' din l-istess ċitazzjoni.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 31st January 2006 in the records of the Writ of Summons Number 508/2005 GCD, in the names Mark Caruana versus Mohamed El Hanghari, ordered the following publication of the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Mark Caruana ID No. 0022678 M, 15/2, Daqqaqa Street Birżebbugia, filed a Writ of Summons on the 26th May 2005, in the First Hall Civil Court against Mohamed El-Hanghari, Flat 4, Ħal Tmien Quarters, Block 1, Żejtun, whereby he asked the defendant why for the reasons premised:

1. he should not be solely declared responsible for the incident in question which occurred on the 30th June 2003 in the limits of Gudja and whereby the plaintiff Mark Caruana suffered damages.

2. why there should not be liquidated the damages that Mark Caruana suffered as a consequence of the said accident if necessary by means of the appointment of experts, consisting these damages both in damnum emergens and in lucrum cessans, and

3. why the defendant should not be condemned to pay the plaintiff that sum that shall so be liquidated by this Honourable Court, with interests from the date of service of this same writ of summons.

Bl-ispejjeż, fik jingħad fiċ-ċitazzjoni, kontra l-istess konvenut, li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni. Għal fini ta' kompetenza jiġi dikjarat illi l-ammont pretiż jeċċedi s-somma ta' ħamest elef u wieħed liri Maltin (Lm5,001.00).

With costs, as stated in the writ of summons, against the same defendant, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made. For the purpose of jurisdiction it is being declared that the amount pretended does not exceed the sum of five thousand and one Maltese liri (Lm5,001.00).

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, it-30 ta' Marzu 2006.

Registry of the Superior Courts, today 30th March 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

539

Ikun jaf kulhadd illi il-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet moghti fil-21 ta' Marzu 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 888/05 GCD, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 21st March 2006, in the records of the Writ of Summons Number 888/05 GCD, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Edward Anastasi u martu Rose, ippreżentaw Ċitazzjoni fit-23 ta' Settembru 2005, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Ibrahim Ibrahim u martu Romilda fejn talbu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

Edward Anastasi and his wife Rose, filed a Writ of Summons on the 23rd September 2005, in the First Hall Civil Court against Ibrahim Ibrahim and his wife Romilda whereby they asked the defendants why this Court should not;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li t-twieqi li nfetħu mill-konvenuti fil-fond tagħhom 'Joe House' Cottoner Road, Vittoriosa u li jħarsu fuq il-bejt tal-fond 'Kitty House' Cottoner Road, Vittoriosa, proprjetà ta' l-atturi, kif spjegat hawn fuq, ġew miftuħin abbużivament u bi ksur tad-drittijiet ta' l-atturi;

1. Declare and decide that the windows which were opened by the defendants in their premises 'Joe House' Cottoner Road, Vittoriosa and which overlook the roof of the premises 'Kitty House' Cottoner Road, Vittoriosa, property of the plaintiffs, as explained above were opened abusively and in violation of the rights of the plaintiffs;

2. Tordna lill-konvenuti biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss huma jeżegwixxu x-xogħol meħtieġ għall-iskop li t-twieqi fuq imsemmija jiġu rimossi u għalhekk jingħalqu u fin-nuqqas;

2. To order the defendants so that within a short and peremptory period which shall be fixed to them they carry out the necessary work so that the windows above mentioned be removed and thus be closed and failing which;

3. Tawtorizza lill-atturi biex jeżegwixxu huma stess, a spejjeż tal-konvenuti, ix-xogħol li jkun meħtieg occorrendo taħt is-superviżjoni ta' perit nominandi;

3. To authorize the plaintiffs to carry out themselves, at the expense of the defendants the necessary work if necessary under the supervision of an appointed rchitect;

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti li jibqgħu inġunti in subizzjoni.

With costs, against the defendants who are summoned so that a reference to their evidence be made.

Notifika: 18, St. Francis Street, Marsa.

Notify: 18, St. Francis Street, Marsa.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Marzu 2006.

Registry of the Superior Courts, today 30th March 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*